




Kitba ta' Adrian Melbourne

# Dun Karl Cortis



***Mons. Carmelo Cortis 1878-1962 l-Arċipriet tal-Katidral ta' l-Imdina li fil-vaganzi tas-sajf kien joqgħod Ħal Balzan f'numru 61 Triq il-Kbira, kien il-persuna li ssuġġerixxa l-arma lill-Każin San Gabriel li tikkonsisti f'torri bil-kliem fuqu 'Fortitudo Dei' li tfisser 'il-Qawwa ta' Alla'. Mons. Cortis ġie avviċinat mill-kumitat ta' dak iż-żmien fl-epoka ta' l-1928 meta bdew il-preparamenti biex tinħadem il-bandalora artistika tal-każin li kienet iżżanżnet fl-1930.***

Dun Karlu Cortis twieled fl-1878, fin-Naxxar. L-istudji tiegħu biex isegwi l-vokazzjoni tiegħu għal saċerdot ma kinux dawk komuni ta' saċerdoti oħrajn. Minn barra li kiseb id-dottorat fit-teoloġija fl-Università ta' Malta, hu rebaħ borża ta' studju tal-Gvern Malti u ntbagħat Ruma biex jispeċjalizza fil-Bibbja u fil-liġi tal-Knisja. Ġie Malta b'lawrja oħra, u l-Arċisqof Pietru Pace kien qed jitfa' għajnejh fuq dak is-saċerdot żagħżugħ li minn meta ġie kkonsagrat Ministru ta' Kristu fl-1903, beda juri x'kien isarraf. Hu kien qed iservi lid-djoċesi billi jgħin bħala professur fis-Seminarju u fl-Università ta' Malta. Is-seminaristi ta' ftuħ is-seklu l-ieħor sabu fih wieħed mill-għalliema tagħhom.

Cortis kien donnu maqtugħ biex jibqa' jagħti kontribut siewi fil-qasam ta' l-istudju. Sa minn qabel ma ordna saċerdot, hu kien qed jikteb xi artikli 'l hawn u 'l hinn. Imma dan il-qassis għaref, meta kien ta' tletin sena, daħal għall-konkors biex isir kappillan tal-Mellieħa. Fl-1908, b'reskritt tas-Santa Sede, l-għażla waqgħet fuqu.

Għalkemm mgħobbi bix-xogħol ta' kappillan u rettur tas-santwarju tal-Mellieħa, hu baqa' jikteb. Kien jikteb bit-Taljan, u fl-Arkivju tal-Katidral ta' Malta jeżistu xi bijografiji ta' monsijuri tal-katidral bil-Latin miktubin minnu. Dun Karlu ppubblika wkoll *Il Santwarju e La Madonna 'tal-Mellieħa'*.

**Referenzi:**

Fr. A. Bonnici OFM Conv.
Programm Festa Mellieha 1995

*Tagħlim tal-mużika fil-każin b'xejn.*
*Kull nhar ta' Erbgħa u Ġimgħa mis-6.00pm.*
*Għal aktar informazzjoni ċempel 2144 5840.*